MALTA

# QORTI TAL-APPELLI CIVILI (INFERJURI) MALTA

**ONOR. IMHALLEF SCIBERRAS PHILIP LL.D.**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2002

Appell Civili Numru. 2347/1998/1

**George Bonnici u John Bonnici ghan-nom u in rapprezentanza tad-ditta Middle Sea Insurance Company Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat tieghu John's Garage Limited u b'digriet tal-4 ta' Lulju 2000 il-kliem "Company Limited" gew sostitwiti bil-kliem "p.l.c."**

**vs**

**Emanuel Farrugia**

**Il-Qorti,**

Fil-5 ta' Novembru, 2001 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz ipprezentat mill-atturi fl-4 ta' Dicembru 1998 fejn talbu lil din il-Qorti li tiddikjara lill-konvenut

responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-atturi nomine bhala konsegwenza tal-incident tat-traffiku li gara bejn l-istess konvenut u Richard Lopez s-sewwieq tal-vettura numru LAK 045 u li sehh fl-20 t'April 1997 fil-limiti ta' San Giljan waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura HAH 617 b'mod traskurat u b'nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

Tillikwida d-danni sofferti mill-attur George Bonnici nomine fl-ammont ta' seba mija u erbatax-il lira Maltin u hamsa u erbghin centezmi (Lm714.45c) jew ammonti ohra verjuri okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi.

Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur dik is-somma li tigi hekk likwidata.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tas-17 ta' Frar 1997 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni u bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' dan l-avviz kif ukoll bl-ispejjez ta' ittra ufficjali indirizzata lill-assikurazzjoni tal-konvenut u pprezentat kontestwalment ma' l-avviz.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:-

1. Illi t-talbiet tal-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom, billi l-kollizzjoni in kwistjoni ma saritx tort tal-eccipjenti, izda b'tort tas-sewwieq tal-karozza tal-assigurat tas-socjeta' attrici u cioe' Richard Lopez kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza u ghalhekk l-eccipjenti ma hux responsabbli ghall-ebda hlas ta' danni.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda ncident tat-traffiku illi gara fl-20 ta’ April 1997 ghal habta tal-hamsa neqsin kwart ta’ filghodu (4.45a.m.) go St George’s Road, St Julians. Dana l-incident kellu r-riperkussjonijiet serji peress li wiehed mill-persuni nvoluti ttiehed l-isptar wara li allegatament gie aggredit mill-konvenut. Konsegwenza ta’ dan saret l-inkjesta magisterjali.

Minn nahha l-ohra, kien hemm involut Richard Lopez ta’ nazzjonalita’ Ingliza li kien qed isuq il-mini van LAK 045 tal-ghamla Toyota u mieghu kien hemm turisti ohrajn Inglizi Stuart Philpott, Terry Ward, John Mark Macdona, Brian Hayes, Ronald Lewis Feilla.

L-incident beda fl-20 ta’ April 1997 kmieni filghodu meta dawn it-turisti Inglizi kienu qieghdin mixjin go Spinola Road fid-direzzjoni tal-pjazza ta’ Spinola. Waqt li kienu hekk mixjin ghaddiet karozza Alfa Romeo HAH 617 b’velocita’ qawwija mill-gemb taghhom. Dawna ma tawx kaz partikolari izda din l-Alfa mbaghad waqfet f’nofs it-triq, double parked u imblukkat il-karozzi. Id-driver ta’ din il-karozza li kien il-konvenut hareg minnha u mar ikellem lil xi hadd in-nahha l-ohra tat-triq. Hawnhekk dawn l-inglizi bdew jigbdulu l-attenzjoni sabiex inehhi din il-karozza minn nofs sabiex huma jkunu jistghu jghaddu. Kien mill-ewwel illi l-konvenut beda juri attitudni aggressiva, tant li huwa beda jheddidhom u jghidilhom li jekk riedu setghu jsuqu l-karozza huma. Minn hawn u minn hemm l-Inglizi daru ma’ din il-karozza, rikbu fil-minivan taghhom u bdew isuqu biex jinzlu l-isfel fid-direzzjoni tal-pjazza ta’ Spinola. Il-konvenut dahal fil-karozza tieghu u beda jsuq warajhom. Dak il-hin inzerta li kien hemm hafna traffiku u ma kienetx facli ghal karozzi li jimmanuvraw kif iridu. Meta waslu hdejn it-traffic lights hdejn il-garage ta’ Wembley, it-Toyota waqfet il-ghaliex id-dawl kien qed juri ahmar u l-karozza tal-konvenut baqghet diehla fuq in-nahha ta’ wara tat-Toyota.  Kien hawnhekk li l-konvenut ta l-ewwel daqqa lil dan il-mini van.

Skond wiehed mix-xhieda illi xehdu f’din il-kawza, Ronald Lewis Feilla il-konvenut ta mill-inqas erba (4) daqqiet lit-Toyota illi kien riekeb fiha. L-inglizi li kienu fil-van kellhom

qatgha kbira fuqhom u hin minnhom raw lil Alfa tieqaf in-nahha l-ohra tat-triq, bin-nahha ta' wara gol-hajt. Is-sewwieq, il-konvenut hareg b'rabja kbira minn din l-Alfa u beda jaghmel ghal Lopez illi kien qed isuq it-Toyota. Dana aggredih b'mod vjolenti hafna tant illi gie allegat illi ntuzat arma illi taqta u bil-ponta. Lopez spicca b'xi sfregi u kellu jittiehed l-isptar fejn sarulu xi punti. Sussegwentement il-konvenut tressaq il-Qorti biex iwiegeb ghal xi akkuzi kriminali in konnessjoni ma' dan l-incident.

Fil-kors ta' din il-kawza gie esibit ukoll l-isketch li pprepara s-surgent Mario Tonna a fol 14 tal-process. Dan l-isketch juri t-Toyota LAK 045 misjuq minn Lopez li kien migbud lejn il-lemin ghal go Ross Street, waqt illi l-karozza tal-konvenut tidher mahbuta fil-hajt fuq in-nahha l-ohra tat-triq.

Il-konvenut jaghti versjoni ta' dan l-incident kompletament differenti minn dak moghtija minn Lopez u shabu. Jammetti illi hin minnhom kien qieghed *double parked* u li vera halla l-bieba tal-karozza miftuha. Ra xi nies iduru maghha. Mar ghas-sodisfazzjon u hemmhekk kien hemm incident. Dawn in-nies rikbu f'Toyota illi kienet quddiemu u dawna baqghu mixjin wara xulxin sakemm wasslu hdejn it-traffic lights tal-Wembley Garage. Hemmhekk waqfu wara xulxin u d-dawl kien ahmar. Il-konvenut beda jinnota li l-persuni li kien hemm f'dan il-mini van  bdew jaghmlu hafna mossi, u jippuntaw subajghom lejh. Hawnhekk beda wkoll jirrabja izda baqa fejn kien. Meta d-dawl xeghel ahdar it-Toyota ma ccaqlaqx u l-konvenut beda jdoqq il-horn, id-dawl reggha dar ahmar u baqghu wara xulxin. Meta mbaghad reggha xaghal id-dawl ahdar il-konvenut beda jdoqq il-horn ripetutament biex it-Toyota tibda ticcaqlaq. Bejniethom kien hemm biss xi pied. Kien hawnhekk illi f'daqqa wahda t-Toyota bdiet tirriversja u kompliet timbotta lill-konvenut sakemm spicca mal-hajt kif jidher fl-isketch. Kien hawnhekk imbaghad li hu b'rabja kbira hareg minn gol-karozza tieghu u mar aggredixxa lid-driver tat-Toyota, u sar l-incident li sussegwentement id-driver Lopez spicca l-isptar. Innega Ii wza xi arma li taqta u bil-ponta.

Il-Qorti abbinat din ix-xhieda ma’ l-isketch li hemm esibit f’dawn l-atti u ssib illi dawna ma jistghux jaqblu. L-ewwel nett minn imkien fl-isketch ma juri li l-karozzi kienu wara xulxin kif qal il-konvenut. It-tyre marks tat-Toyota jibdew minn nahha tax-xellug f’posizzjoni regolari fejn suppost kienet, mentri t-tyre marks tal-karozza tal-konvenut jibdew fuq il-lemin fejn mhux suppost kienet. L-inglizi qalu li l-konvenut gie minn nahha tal-lemin u tahhom l-ewwel daqqa fuq il-mudguard ta’ wara tal-lemin u kien hawn hekk illi l-konvenut b’rabja kbira beda jahbat volontarjament mat-Toyota minn nahha tal-lemin taghha.

Dana jikkombaci bis-shieh ma’ l-isketch illi hemm esibit fejn il-karozza tal-konvenut ukoll tidher fuq in-nahha tal-lemin.

Lopez ighid li hin minnhom ipprova jevita lill-konvenut billi jigbed lejn il-lemin ghal go Ross Street halli l-konvenut ikun jista jghaddi minn fuq ix-xellug tieghu. It-Toyota ukoll tidher f’dik il-posizzjoni, lejn il-lemin fil-bidu ta’ Ross Street, kif xehed Lopez, pero’ l-Alfa wkoll tidher fuq in-nahha tal-lemin u bit-tyre marks illi jibdew fuq in-nahha ta’ wara tat-Toyota, fejn allura tikkorroba bis-shih il-versjoni moghotija minn Lopez u l-passiggieri illi kien hemm mieghu.

Il-Qorti hija sodisfatta li l-konvenut mhuwiex qed ighid is-sewwa. Qed jaghti l-versjoni li jaqbillu biex jipprova jehles mir-responsabbilta’. Meta l-Qorti staqsietu direttament kif setgha jispjega dak illi xehed mal-isketch illi hemm esibit, il-konvenut irrisponda biss illi huwa ma jafx min ghamel dak l-isketch. Naturalment il-Qorti m’ghandha l-ebda raguni ghaliex ghandha tiddubita l-isketch illi pprepara s-Surgent Tonna. Dana mar fuq il-post u setgha jara l-karozzi kif kienu. Ra dawn it-tyre marks u kif xehed hu stess ra wkoll l-ilma tar-radiator tal-Alfa wara illi dana gie mifqugh bid-daqqiet illi beda jaghti lit-Toyota. Il-Qorti hija konvinta illi dan huwa kaz tipiku ta’ *road rage* fl-aghar estremi tieghu, fejn il-konvenut haseb illi setgha jiddetta l-kondizzjonijiet tas-sewqan kif irid hu u meta jrid hu. Ma hemmx dubbju li dak il-hin kien hemm hafna traffiku fit-triq, b’nies sejrin lura d-darhom taghhom wara xi lejl ta’

divertiment go Paceville. Ghalhekk kien jinkombi fuqu aktar prudenza biex josserva r-regolamenti tat-traffiku u mill-bidu nett wera l-mod arroganti u aggressiv tieghu meta pogga l-vettura tieghu *double parked* u ostakola l-perkors liberu ta’ vetturi ohra gejjin minn warajh. Ma tantx kien jidher li jimpurtah wisq, peress illi qabad u hareg mill-karozza, halla l-bieba miftuha u mar jitkellem ma’ nies ohra li kien hemm in-nahha l-ohra tat-triq. Din hija tipika ta’ bniedem li ma jimpurtahx minn xhiex jahseb haddiehor. Ma jimpurtahx li kien qed jaghmel ostakolu ghal nies ohra. Ma jimpurtahx li kien ta’ dwejjaq ghal nies ohra peress illi kellhom joqghodu jistennew il-kumdita’ tieghu sakemm dan ghogbu jmur lura u jkompli jsuq, u mbaghad jippretendi illi haddiehor ma jurix certa rabja ghal din l-arroganza mhux gustifikata tieghu. Ma hemmx dubbju illi l-konvenut ghandu jahti unikament u esklussivament ghal dan l-incident u ghandu jerfa r-responsabbilta’ tad-danni kollha li huwa kkawza fil-karozza tal-konvenuti.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi illi tilqa’ t-talba ta’ l-atturi u filwaqt illi tiddikjara l-konvenut unikament responsabbli ghall-incident illi gara fl-20 t’April 1997 fi Spinola Road, St Julians bejn il-vettura LAK 045 misjuqa minn Richard Lopez u l-karozza tal-konvenut HAH 617 meta b’nuqqas ta’ hsieb, traskuragni u b’nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku ikkawza d-danni lill-vettura proprjeta’ tal-atturi.

Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fl-ammont ta’ seba mija u erbatax-il lira Maltin u hamsa u erbghin centezmi (Lm714.45c) u tikkundanna lill-konvenut li jhallas dan l-ammont hekk likwidat. Bl-ispejjez u interessi legali mid-data tan-notifika ta’ dan l-avviz kontra l-konvenut.”

L-appell devolut lill-Qorti mis-sentenza ta’ l-ewwel Qorti jikkonsisti fl-aggravju uniku dwar l-apprezzament tal-provi u l-aspett tal-kredibilita. L-appellant jadduci bhala motiv ghar-revizjoni tas-sentenza l-fatt illi l-verzjoni tieghu ta’ kif sehh l-incident hi aktar verosimili minn dik tas-sewwieq l-iehor.

Kif inhu saput in linea ta' massima f'materja ta' apprezzament ta' provi din il-Qorti ta' revizjoni ma tiddisturbax id-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk ma jkunx manifest li dak l-apprezzament sar hazin jew ghal xi motiv iehor gravi (**Vol XXXVII pI p56**; "**Matteo Decesare –vs- Joseph Camilleri**", App. Civ. 8 ta' Marzu 1989, fost bosta ezemplari ohra). Jinghad mill-ewwel a skans ta' ekwivoci illi fil-fattispecji tal-kaz prezenti ma jidherx li l-ewwel Qorti ghamlet ezercizzju manifestament zbaljat.

Il-konvenut jilmenta illi l-Qorti ta' l-ewwel grad ma ghamletx gudizzju oggettiv bazat fuq il-fatt tal-incident izda kienet motivata unikament fuq il-komportament tieghu. Apparti li f'dan ma huwiex korrett, huwa inoltre jissottometti illi l-verzjoni tieghu li kien id-driver tal-vettura l-ohra li rriversja ghal go fih kellha tigi emmnuta bhal wahda aktar attendibbli.

Mill-provi akkwiziti jidher li l-uniku fatt li fuqu hemm qbil hu dak li qabel l-incident tal-habta kien hemm incident iehor fejn il-konvenut kien f'xi mument qabel halla l-karozza tieghu f'sitwazzjoni ta' double parking, nizel minnha sabiex 'ex konfessis' "*inkun nista' mmur inkellem lil xi hadd in-naha l-ohra tat-triq*". Minn hemm il-quddiem, kif illustrat fis-sentenza appellata, beda l-perkors tar-rabja irreffrenabbli tal-konvenut li spicca fil-manuvra sperikolata li tat lok ghall-habta, l-agir intimidatorju u l-aggressjoni.

L-appellanti bhal donnu qed jinvita lill-Qorti biex ma tirrisalix ghall-incident precedenti u tiskarta l-imgieba tieghu. Din il-Qorti mhiex preparata taccetta dan l-invit in kwantu ma tistax ragjonevolment tinjora 's-system of conduct' tieghu matul l-'iter' taz-zewg incidenti li sewwa sew sehhu immedjatament wara xulxin u fi trapass ta' ftit hin. B'danakollu l-Qorti taqbel illi l-imgieba tal-konvenut m'ghandhiex tkun unikament u esklusivament indizzjarja bhala prova tal-htija ghas-sinistru daqskemm ta' prova biex tattakka l-kredibilita' tieghu. Espressivi, per ezempju, l-ghazla tal-kliem ta' PS778 David Sant (fol 54) fir-rigward tal-konvenut:- "*beda jghajjat u jirrecta*" u "*beda jhawwad*".

Dan b'referenza u in relazzjoni ghall-mument bikri tal-investigazzjoni dwar il-habta.

Tabilhaqq fil-fehma ta' din il-Qorti l-konvenut malament ittanta jibni kaz biex jiskredita l-verzjoni tal-fatti tas-sewwieq tal-vettura l-ohra u tax-xhieda li kienu fl-istess car mieghu. Dan it-tentattiv ifallilu in kwantu mhux suffragat la mill-iskizz (fol 14) u lanqas mix-xorta tad-danni subiti fil-car misjuqa minn Richard Lopez, ahjar dettaljati fis-survey report (fol 25).

Il-fatti 'ut sic' huma migjuba u ben analizzati 'supra' fil-parti recitattiva tas-sentenza appellata. Ikun ezercizzju futili li din il-Qorti terga' tippronunzja ruhha dwar il-fatturi tad-dinamika tal-incident. Jinghad biss illi l-konvenut mhux kredibbli fejn sostna illi Richard Lopez saq b'lura appozitament ghal go fih u "*beda jsuq lura u jimbuttani lura*" tul ta' karozza u sahansitra tellghu fuq il-bankina. Ir-'res gestae' tal-iskizz bl-ebda mod ma jsostni din il-verzjoni. Kienet ghalhekk ghal kollox korretta l-ewwel Qorti li ghamlet mill-prova tal-iskizz l-inferenzi legittimi u precizi kif fis-sentenza registrati. Dan anke fuq il-bazi tal-probabilitajiet u tac-certezza morali li fil-kamp civili kull tribunal ghandu jfittex (**Vol XXXVI pI p319**).

Hu proprju minhabba dan kollu rilevat illi l-Qorti ta' revizjoni ma tistax ukoll issib raguni serja biex tiddisturba l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti tal-provi prodotti. Inoltre fuq il-punt krucjali tal-incident innifsu relatat ma' kif sehhet il-habta l-argomenti sollevati mill-appellant ma jikkonvincux. Oggettivament, imbaghad, ma jirrizultax illi l-verzjoni moghtija mis-sewwieq l-iehor involut, korroborata mix-xhieda tieghu, ma kienx jisthoqqilha tigi meqjusa, dejjem fuq l-istess bazi tal-probabilita', bhala l-aktar attendibbli fic-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghal dawn il-motivi, l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata ikkonfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellant.

Dep/Reg

cb